

- 5) It-tqassim illimitat tar-riskji bejn il-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas tal-bonds mill-gvernijiet ċentrali u mill-emittenti ekwivalenti tagħhom, li għandu mnejn ġie stabbilit mid-deċiżjoni msemmija fil-punt 1 jikser l-Artikoli 123 u 125 TFUE, kif ukoll l-Artikolu 4(2) TUE, jekk dan jista' jirrendi neċċessarja r-rikapitalizzazzjoni ta' banek ċentrali nazzjonali b'rīzorsi baġitarji?

<sup>(1)</sup> ĠU L 121, p. 20.

<sup>(2)</sup> ĠU L 303, p. 106.

<sup>(3)</sup> ĠU L 121, p. 24.

<sup>(4)</sup> ĠU L 169, p. 14.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Törvényszék (l-Ungerija) fil-21 ta' Awwissu  
2017 – Lintner Györgyné vs UniCredit Bank Hungary Zrt.**

**(Kawża C-511/17)**

(2017/C 402/12)

Lingwa tal-kawża: l-Ungjeriż

**Qorti tar-rinviju**

Fővárosi Törvényszék

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Lintner Györgyné

Konvenuta: UniCredit Bank Hungary Zrt.

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva dwar klawżoli inġusti<sup>(1)</sup> – fid-dawl ukoll tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi rappreżentanza legali – għandu jiġi interpretat fis-sens li kull waħda mill-klawżoli tal-kuntratt għandha tiġi eżaminata individwalment mill-perspettiva ta' jekk tistax tqies inġusta, indipendentement minn jekk eżami tal-klawżoli kollha tal-kuntratt huwiex realment meħtieġ sabiex tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet magħmula fil-kuntest tar-rikors?
- 2) Jew inkella, bil-kontra ta' dak li huwa espost fil-kuntest tal-ewwel domanda, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva dwar klawżoli inġusti għandu jiġi interpretat fis-sens li l-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt għandhom jiġu eżaminati biex tiġi konkluża n-natura inġusta tal-klawżola li fuqha hija bbażata t-talba?
- 3) Jekk it-tieni domanda tingħata risposta fl-affermattiv, dan jista' jfisser li sabiex tkun tista' tiġi ddeterminata n-natura inġusta tal-klawżola inkwistjoni huwa meħtieġ eżami tal-kuntratt fit-totalità tiegħu, jiġifieri li n-natura inġusta ta' kull wieħed mill-elementi ma għandiekk tiġi eżaminata b'mod awtonomu, indipendentement mill-klawżola kkontestata fil-kuntest tar-rikors?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundespatentgericht (il-Ġermanja) fil-5 ta' Settembru  
2017 – LN**

**(Kawża C-527/17)**

(2017/C 402/13)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Bundespatentgericht